MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Numru 741/2012

Il-Pulizija

(Spettur Spiridione Zammit)

vs

David Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet riportati kontra l-imputat ta’ karta tal-identita’ 624774m, akkuzat talli fit-18 ta’ Lulju 2012 ghal habta tat-3.00pm u hinijiet wara fir-residenza 70 Triq Sqajjaq Hal-Tarxien u f’dawn il-Gzejjer:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car ikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew il-funzjoni ta’ xi part ital-gisem jew gab difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem ta’ Joseph Piscopo skond ma ccertifika it-tabib Dr Mohammed Asraf (5385) mill-Isptar Mater Dei;
2. fl-istess cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car ikkaguna ferita gravi liema ferita gabet sfegju fil-wicc ta’ Joseph Piscopo u

li setghat gabet perikolu tal-hajja skond ma ccertifika it-tabib Dr Mohanmmed Asraf (5385) mill-Isptar Mater Dei;

3. fl-istess cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-bwon ordni jew il-kwiet pubbliku;
4. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Joseph Piscopo minn Hal-Tarxien ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk iprovokat, ingurja b'mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joseph Piscopo minn Hal Tarxien u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnhu citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsiderat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat:

a. li minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' Joseph Piscopo f'perikolu car ikkagunalu hsara fil-gisem jew f'sahhtu jew gablu disordni f'mohhu;
b. li ikkaguna lill-istess Joseph Piscopo offiza gravi punibbli bi prigunerija minn disa xhur sa disa' snin f'kaz li rekatlu debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi part ital-giswem jew gabitlu difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti fil-mohh jew irrekatlu sfegju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn – li jiqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk;
c. li ghamel offizi kontravenzjonali konsistenti fil-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika u/jew li ingurja jew hedded lill-imsemmi Joseph Piscopo wkoll jekk ipprovokat;

Issa, il-provi juru li l-imputat huwa proprjetarju ta' fond numru 70 fi Triq Sqajjaq Tarxien li huwa kontigwu ghall-fond li fih tghix il-parti leza flimkien ma' ommu. Gewwa il-fond ta' proprjeta' tieghu l-imputat qieghed jaghmel ix-xoghlijiet biex jirrendih abitabbli permezz ta' haddiema li huwa inkariga ghal dan il-fini. Fil-gurnata u hin indikat fit-tahrika l-imputat kien qieghed izur il-proprjeta' tieghu u kelmu hu l-parti leza, jismu Pawlu, presenti wkoll omm dan Pawlu dwar l-opra morta li tiddividi l-

proprjetajiet. F’xi hin wara gie mitkellem mill-parti leza li, skond il-versjoni tal-imputat, insista li opra morta kellha ssir dak in-nhar stess skond kif ridha hu. Ghadda xi hin iehor u l-imputat issib il-parti leza fuq il-bejt tieghu précis warajh. Hawnhekk huma gew fl-idejn. Dan in succinct hwa l-isfond tal-imputazzjonijiet mahruga kontra l-imputat.

Intant, il-Qorti semghat u ghandha l-versjoni tal-imputat u mhux ukoll tal-kwerelant, il-parti leza, li ma xehedtx f’dawn il-procedur,i stante li kienu pendenti proceduri kontra tieghu fuq l-istess incident.

Li indipendentement minn dan, l-Qorti hi tal-fehma li mill-provi li ghandha hemm l-estremi tad-difiza legittima li tinnewtralizza r-reat elenkat fil-paragrafi, a, b, c riprodott aktar ‘l fuq f’din is-sentenza ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali. Igifieri hu applikabbli fil-konfront tal-imputat l-Artikolu 223 tal-Kap 9.

Lanqas ma qeghdha l-Qorti tara reita’ tal-imputat fir-rigward l-akkuza  kontravenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika.

Ghaldaqstant, tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM---------------------------------